

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020 – Planistat Europe u Charlot vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-735/20)**

(2021/C 53/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiz***Partijiet**

Rikorrenti: Planistat Europe (Pariġi, França), Hervé-Patrick Charlot (Pariġi) (rappreżentant: F. Martin Laprade, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata li l-Kummissjoni Ewropea tat lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tagħha b'applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 340 TFUE:
 - billi kisret b'mod suffiċjentement serju l-prinċipju ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba;
 - billi kisret b'mod suffiċjentement serju d-drittijiet tad-difiża;
 - billi kisret b'mod suffiċjentement serju l-obbligu ta' kufidenzjalit;
 - u b'hekk ikkawżat dannu materjali u/jew morali lill-kumpannija Planistat u lid-direttur tagħha H.-P. Charlot;

konsegwentement,

- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas tas-somma ta' EUR 150 000 għad-dannu morali mgħarrab minn Hervé-Patrick Charlot;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas tas-somma ta' EUR 11 600 000 għad-dannu materjali mgħarrab mir-riktorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas tal-ispejjeż kollha tal-istanza mibdija mill-kumpannija Planistat u Hervé-Patrick Charlot.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħhom, ir-riktorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tad-dmir ta' premura u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba minħabba akkużi foloz magħmula mill-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u sussegwentement mill-Kummissjoni Ewropea kontra r-riktorrenti, li l-innoċenza tagħhom ġiet ikkonfermata b'mod definitiv fis-16 ta' Ġunju 2016 mill-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża. F'dan ir-rigward, ir-riktorrenti jsostnu li:

- l-amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea ma ġadix inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi tar-riktorrenti akkużati b'mod inġust u falz b'reati kriminali, u għaldaqstant naqset milli tessera d-dmir tagħha ta' premura fil-konfront tagħhom;
- id-dritt għal amministrazzjoni tajba ċarament jinkludi d-dritt ta' kull persuna li ma tkunx is-suġġett ta' akkużi foloż min-naħħa tal-uffiċċiali u istituzzjonijiet tal-Unjoni.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-ksur tad-drittijiet tad-difīża u tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza minħabba nuqqas ta' serjetà kundannabbli murija minn OLAF fir-rigward tal-akkużi foloz tar-rikorrenti quddiem l-awtoritajiet Franċiżi, imwettqa permezz ta' ittra tad-19 ta' Marzu 2003. Ir-rikorrenti jqisu f'dan ir-rigward li:

- l-OLAF aġixxa b'mod mgħażżeġ u inkompatibbli mal-obbligu ta' osservanza ta' terminu raġonevoli meta ttrażmetta informazzjoni lill-awtoritajiet Franċiżi l-ġħada tal-ftuħ tal-investigazzjoni esterna li tirrigwarda r-rikorrenti;
- l-OLAF kien messu ta lir-rikorrenti trattament identiku għal dak tal-uffiċjali Ewropej u stenna sakemm ikollu informazzjoni addizzjonali sabiex jieħu deċiżjoni informata aħjar;
- l-OLAF kien messu ħa l-prekawżjoni li jinforma minn qabel lir-rikorrenti, sabiex jirċievi l-ispiegazzjonijiet tagħhom, fil-kuntest ta' skambju kontradittorju;
- l-OLAF ma messux uża espressjonijiet qawwija li jirriflettu s-sentiment li r-rikorrenti kienu ġatja ta' "sakkeġġ" għad-detriment tal-fondi Komunitarji.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' kunkfidenzjalità fir-rigward tad-data personali, bi ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif ukoll tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza minħabba "tixrid" min-naħħa tal-OLAF dwar il-kontenut tal-akkużi foloz tiegħu bid-data tad-19 ta' Marzu 2003. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jqisu li:

- l-OLAF ma osservax l-obbligu ta' kunkfidenzjalità li kellel fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tiegħu;
- l-OLAF kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba sa fejn dan jinvolvi d-dritt li dak kollu li jirrigwarda persuna jiġi ttrattat fl-osservanza tal-kunkfidenzjalità;
- l-OLAF kiser il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza billi ppermetta li informazzjoni li kienet is-suġġett tal-akkużi foloz tiegħu kontra r-rikorrenti tinxtered.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif ukoll tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza dovut għat-tressiq ta' lment b'kostituzzjoni parti ċivili u l-komunikazzjoni pubblika tal-Kummissjoni Ewropea f'Lulju 2003. Ir-rikorrenti jsostnu li:

- l-Kummissjoni aġixxiet b'mod mgħażżeġ u inkompatibbli mal-obbligu ta' osservanza ta' terminu raġonevoli;
- l-Kummissjoni kien messa stennet il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni tal-OLAF sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni informata aħjar dwar eventwali tressiq ta' ilment b'kostituzzjoni ta' parti ċivili;
- l-Kummissjoni ma aġixxiet b'imparrjalità fir-rigward tar-rikorrenti peress li hija pprivileġġat l-interessi finanzjarji tagħha, minkejja li dawn ma kinux mhedda serjament;
- il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza meta ppublikat l-istqarrija għall-istampa tagħha tad-9 ta' Lulju 2003.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2020 – Ryanair vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-737/20)

(2021/C 53/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F. Laprévote, V. Blanc, S. Rating u I. Metaxas-Marangħidis, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea